

REGOLAMENT (UE) Nru 1163/2014 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-22 ta' Ottubru 2014****dwar it-tariffi superviżorji****(BĊE/2014/41)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jagħti kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽¹⁾ u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3), l-Artikolu 30 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika u l-analiżi li saret skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jistabbilixxi Mekkanismu Superviżorju Uniku (MSU) kompost mill-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs).
- (2) Bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE huwa responsabbli għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-MSU għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha, kumpanniji holding finanzjarji u kumpanniji holding finanzjarji mħallta fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro kif ukoll fi Stati Membri li mhumiex taż-żona tal-euro li jidħlu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE. Ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw l-kooperazzjoni bejn il-BĊE u l-NCAs fi ħdan l-MSU u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17) ⁽²⁾.
- (3) L-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jipprovdi għal impożizzjoni ta' tariffa superviżorja annwali mill-BĊE fuq istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti u fuq friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipant minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti. It-tariffi li l-BĊE jimponi għandhom ikopru, u ma jaqb'zux, in-nefqa li jagħmel il-BĊE fir-rigward tal-kompiti li jingħatawlu mill-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.
- (4) Għaldaqstant it-tariffa superviżorja annwali għandha tinkludi ammont li għandu jitħallas ta' kull sena mill-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti u friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti li huma ssorveljati fi ħdan l-MSU.
- (5) Fi ħdan l-MSU, ir-responsabbiltajiet superviżorji tal-BĊE u kull NCA huma allokati fuq il-bażi tal-importanza tal-entitajiet issorveljati.
- (6) Il-BĊE għandu kompetenza superviżorja diretta fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, kumpanniji *holding* finanzjarji mħallta stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti, u friegħi li jinsabu fi Stati Membri parteċipanti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti stabbiliti fi Stati Membri li mhumiex parteċipanti.
- (7) Il-BĊE jissorvelja wkoll il-funzjonament tal-MSU, li jinkludi l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha, kemm sinifikanti kif ukoll inqas sinifikanti. Il-BĊE huwa kompetenti esklussivament fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti biex entitajiet jiġu awtorizzati li jibdew in-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu, jirtiraw awtorizzazzjonijiet u biex jivvalutaw akkwisti u trasferimenti ta' *holdings* li jikkwalifikaw.
- (8) L-NCAs huma responsabbli għas-superviżjoni diretta ta' entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni, mingħajr pre-ġudizzju għall-poter tal-BĊE li jeżerċita superviżjoni diretta f'każijiet speċifiċi meta dan ikun meħtieġ għall-applikazzjoni konsistenti ta' standards superviżorji għoljin. Meta jiġi allokat l-ammont li jrid jiġi rkuprat permezz tat-tariffi superviżorji bejn il-kategoriji ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni, jiġu kkunsidrati dan it-tqassim ta' responsabbiltajiet superviżorji ġewwa l-MSU u n-nefqa relatata magħmula mill-BĊE.

⁽¹⁾ ĠUL 287, 29.10.2013, p. 63.

⁽²⁾ Regolament (EU) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għall-kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u mal-awtoritajiet nazzjonali nominate (Regolament Kwadru dwar l-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠUL 141, 14.5.2014, p. 1).

- (9) L-Artikolu 33(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jeħtieġ li l-BĊE għandu jippubblika permezz ta' regolamenti u deċiżjonijiet l-arranġamenti operattivi ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti li jingħatawlu mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.
- (10) Skont l-Artikolu 30(3) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, it-tariffi għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi li jirrelataw mal-importanza u l-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kkonċernati, inklużi l-assi pponderati bir-riskju.
- (11) It-tariffi għandhom jiġu kkalkolati fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan Stati Membri parteċipanti. Dan ifisser illi meta istituzzjonijiet ta' kreditu huma parti minn grupp taħt superviżjoni stabbilit fl-Istati Membri parteċipanti, għandha tiġi kkalkolata u mħallsa tariffa waħda flivell ta' grupp.
- (12) Fil-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali, is-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti ma għandhomx jiġu kkunsidrati. F'dan ir-rigward, u sabiex jiġu ddeterminati l-fatturi rilevanti tat-tariffa ta' grupp taħt superviżjoni, għandha tiġi fornita dejta sub-konsolidata għas-sussidjarji kollha u għall-operat kollu kkontrollat mill-impriża parent fl-Istati Membri parteċipanti. Madankollu, il-kosti tal-produzzjoni ta' din id-dejta sub-konsolidata jistgħu jkunu għoljin u, għal din ir-raġuni, entitajiet taħt superviżjoni għandhom ikunu jistgħu jagħżlu tariffa kkalkolata abbażi ta' dejta fornita fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti inklużi sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti, anke jekk dan jista' jwassal għal tariffa oġhla.
- (13) L-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ huma esklużi mill-kompiti superviżorji kkonferiti fuq il-BĊE skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013. Għaldaqstant, il-BĊE mhuwiex ser jimponi tariffi fuqhom.
- (14) Regolament għandu applikazzjoni ġenerali, jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro. Għaldaqstant huwa l-istrument legali xieraq biex jiġu stabbiliti arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.
- (15) Skont l-Artikolu 30(5) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-NCAs li jimponu tariffi skont id-dritt nazzjonali, u sa fejn kompiti superviżorji ma ġewx ikkonferiti fuq il-BĊE, jew fir-rigward tal-kosti ta' kooperazzjoni ma' u assistenza lill-BĊE u l-aġir tal-istruzzjonijiet tiegħu, skont il-liġi rilevanti tal-Unjoni u suġġett għall-arranġamenti magħmulin għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, inkluż l-Artikoli 6 u 12 tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

PARTI I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:
 - (a) l-arranġamenti għall-kalkolu tal-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali li għandhom jiġu imposti fir-rigward ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni;
 - (b) il-metodoloġija u l-kriterji għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali mġarrba minn kull entità taħt superviżjoni u grupp taħt superviżjoni;
 - (c) il-proċedura għall-ġbir mill-BĊE tat-tariffi superviżorji annwali;

⁽¹⁾ Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

2. L-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali għandu jinkludi t-tariffa superviżorja annwali fir-rigward ta' kull entità jew grupp sinifikanti taħt superviżjoni u kull entità jew grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni u għandu jiġi kkalkulat mill-BĊE fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni għewwa Stati Membri parteċipanti.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li hemm fir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u r-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor, flimkien mad-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "tariffa superviżorja annwali" tfisser it-tariffa li titħallas fir-rigward ta' kull entità taħt superviżjoni u kull grupp taħt superviżjoni, kif ikkalkulata skont l-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu 10(6);
2. "kosti annwali" tfisser l-ammont, kif iddeterminat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5, li għandu jiġi rkuprat permezz tat-tariffi superviżorji annwali għal perijodu tariffarju speċifiku;
3. "debitur tariffarju" tfisser l-istituzzjoni ta' kreditu li tħallas tariffa jew ferġha li tħallas tariffa iddeterminata skont l-Artikolu 4 u li lilha jkun indirizzat l-avviż tariffarju;
4. "fatturi tariffarji" tfisser id-dejta relata ma' entità taħt superviżjoni jew grupp taħt superviżjoni definita fl-Artikolu 10(3)(a) li jintużaw biex tiġi kkalkulata t-tariffa superviżorja annwali;
5. "avviż tariffarju" tfisser kull avviż li jispjefika t-tariffa superviżorja annwali li titħallas minn u tinħareġ lid-debitur tariffarju rilevanti skont dan ir-Regolament;
6. "istituzzjoni ta' kreditu li tħallas tariffa" tfisser kull istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru parteċipanti;
7. "ferġha li tħallas tariffa" tfisser kull ferġha ta' istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti;
8. "perijodu tariffarju" tfisser sena kalendarja;
9. "l-ewwel perijodu tariffarju" tfisser il-perijodu ta' żmien bejn id-data meta l-BĊE jassumi l-kompiti li jingħatawlu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u t-tmiem tas-sena kalendarja li fiha l-BĊE jassumi dawn il-kompiti;
10. "grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa" tfisser (i) grupp taħt superviżjoni u (ii) numru ta' ferġhat li jħallsu t-tariffi li jit-qiesu bħala ferġha waħda skont l-Artikolu 3(3);
11. "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni;
12. "assi totali" tfisser il-valur totali tal-assi ddeterminat skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17). F'każ ta' grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa, l-assi totali jeskludu sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti u pajjiżi terzi;
13. "espożizzjoni totali għar-riskju" tfisser, b'referenza għal grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa u għal istituzzjoni ta' kreditu li tħallas tariffa li mhijiex parti minn grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa, l-ammont iddeterminat fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti u kkalkulat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

Artikolu 3

Obbligu ġenerali li titħallas it-tariffa superviżorja annwali

1. Il-BĊE għandu jimponi tariffa superviżorja annwali fir-rigward ta' kull entità taħt superviżjoni u kull grupp taħt superviżjoni għal kull perijodu tariffarju.

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

2. It-tariffa supervizzorja annwali għal kull entità taħt supervizzjoni u grupp taħt supervizzjoni għandha tkun speċifikata f'avviż tat-tariffa maħruġa lil u pagabbli mid-debitur tat-tariffa. Id-debitur tariffarju għandu jkun id-destinatarju tal-avviż tat-tariffa u ta' kull avviż jew komunikazzjoni mill-BĊE fir-rigward ta' tariffi supervizzorji. Id-debitur tariffarju għandu jkun responsabbli għall-ħlas tat-tariffa supervizzorja annwali.
3. Żewġ ferġat jew aktar li jħallsu tariffa li huma stabbiliti mill- istess istituzzjoni ta' fl-istess Stat Membru parteċipanti jitqiesu bħala ferġa waħda. Ferġat tal-istess istituzzjoni ta' kreditu li jħallsu tariffa u li huma stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti differenti ma jitqiesux bħala ferġa waħda.
4. Ferġat li jħallsu tariffa għandhom jitqiesu bħala separati minn sussidjarji tal-istess istituzzjoni ta' kreditu stabbiliti fl-istess Stat Membru parteċipanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Debitur tariffarju

1. Id-debitur tariffarju fir-rigward tat-tariffa supervizzorja annwali huwa:
 - (a) l-istituzzjoni ta' kreditu li tħallas tariffa, fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu li tħallas tariffa li mhijiex parti minn grupp taħt supervizzjoni;
 - (b) il-ferġa li tħallas tariffa, fil-każ ta' ferġa li tħallas tariffa li mhijiex ikkombinata ma' ferġa oħra li tħallas tariffa;
 - (c) iddeterminat skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, fil-każ ta' grupp ta' entitajiet taħt supervizzjoni li jħallsu tariffa.
2. Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti fi ħdan grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa fir-rigward tal-allokkazzjoni tal-ispejjeż, grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa għandhom jiġu trattati bħala debitur tariffarju wieħed. Kull grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa għandu jinnomina d-debitur tariffarju għall-grupp kollu u għandu jinnotifika l-identità tad-debitur tariffarju lill-BĊE. Id-debitur tariffarju għandu jiġi stbbilit fi Stat Membru parteċipanti. Din in-notifika għandha tkun ikkunsidrata valida biss jekk:
 - (a) issemmi l-ismijiet tal-entitajiet kollha taħt supervizzjoni tal-grupp kopert bin-notifika;
 - (b) tiġi ffirmata fisem l-entitajiet kollha taħt supervizzjoni tal-grupp;
 - (c) tasal għand il-BĊE sa mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena, sabiex titqies għall-ħruġ tal-avviż tariffarju fir-rigward tal-perijodu tariffarju ta' wara.

Jekk iktar minn notifika waħda għal kull grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa tasal fil-ħin għand il-BĊE, għandha tipprevali n-notifika rċevuta mill-BĊE li tkun l-egreb lejn, imma qabel, l-iskadenza.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-BĊE jirriżerva d-dritt li jiddetermina d-debitur tariffarju.

PARTI II

NEFQA U KOSTI

Artikolu 5

Kosti annwali

1. Il-kosti annwali għandhom ikunu l-bażi għad-determinazzjoni tat-tariffi supervizzorji annwali u għandhom jiġu rku-prati permezz tal-ħlas ta' dawk it-tariffi supervizzorji annwali.
2. L-ammont tal-kosti annwali għandu jiġi d-determinat fuq il-bażi tal-ammont tan-nefqa annwali li tikkonsisti minn kwalunkwe spejjeż imġarrbin mill-BĊE fil-perijodu tariffarju rilevanti li hija relatata direttament jew indirettament mal-kompiti supervizzorji tiegħu.

L-ammont totali tat-tariffi supervizzorji annwali għandu jkopri, iżda mhux jeċċedi, in-nefqa mġarrba mill-BĊE fir-rigward tal-kompiti supervizzorji għall-perijodu tariffarju rilevanti.

3. Fid-determinazzjoni tal-kosti annwali, il-BĊE għandu jqis:
 - (a) kwalunkwe ammont tariffarju relatat mal-perijodi tariffarji preċedenti li ma setgħux jinġabru;
 - (b) kwalunkwe ħlas ta' imgħaxxijiet irċevut skont l-Artikolu 14;
 - (c) kwalunkwe ammont irċevut jew rifiż skont l-Artikolu 7(3).

Artikolu 6

Stima u determinazzjoni tal-kosti annwali

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru1024/2013, il-BĊE għandu sal-aħħar ta' kull sena kalendarja jikkalkula l-kosti annwali stmati fir-rigward tal-perijodu tariffarju għas-sena kalendarja ta' wara.
2. Fi żmien erba' xhur mit-tmiem ta' kull perijodu tariffarju l-BĊE għandu jiddetermina l-kosti annwali attwali għal dak il-perijodu tariffarju.
3. Il-kosti annwali stmati u l-kosti annwali attwali għandhom iservu bħala bażi għall-kalkolu tal-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali msemmijin fl-Artikolu 9(1).

PARTI III

DETERMINAZZJONI TAT-TARIFFA SUPERVIŻORJA ANNWALI

Artikolu 7

Entitajiet taħt superviżjoni ġodda jew bidla fl-istatus

1. Meta entità taħt superviżjoni jew grupp taħt superviżjoni jkunu taħt superviżjoni għal parti mill-perijodu tariffarju biss, it-tariffa superviżorja annwali għandha tiġi kkalkulata b'referenza għan-numru ta' xhur sħaħ tal-perijodu tariffarju li għalih l-entità taħt superviżjoni jew il-grupp taħt superviżjoni jkunu taħt superviżjoni.
2. Meta, wara deċiżjoni tal-BĊE f'dak is-sens, l-istatus ta' entità taħt superviżjoni jew ta' grupp taħt superviżjoni jinbidel minn sinifikanti għal inqas sinifikanti, jew viċeversa, it-tariffa superviżorja annwali għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' numru ta' xhur li matulhom l-entità taħt superviżjoni jew il-grupp taħt superviżjoni kienu entità jew grupp sinifikanti jew inqas sinifikanti fl-aħħar jum tax-xahar.
3. Fejn l-ammont tat-tariffa superviżorja annwali imposta jiddevja mill-ammont tat-tariffa kkalkulata skont il-paragrafi 1 jew 2, għandha titħallas rifiżjoni lid-debitur tariffarju, jew għandha tinħareġ fattura addizzjonali mill-BĊE li għandha titħallas mid-debitur tariffarju.

Artikolu 8

Qsim ta' kosti annwali bejn entitajiet sinifikanti u inqas sinifikanti taħt superviżjoni

1. Sabiex tiġi kkalkulata t-tariffa superviżorja annwali li titħallas fir-rigward ta' kull entità taħt superviżjoni u grupp taħt superviżjoni l-kosti annwali għandhom jinqasmu f'żewġ partijiet, waħda għal kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni, skont kif ġej:
 - (a) il-kosti annwali li jiġu rkuprati minn entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni;
 - (b) il-kosti annwali li jiġu rkuprati minn entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni;
2. Il-qsim ta' kosti annwali skont il-paragrafu 1 għandu jsir fuq il-bażi tal-kosti allokat lill-funzjonijiet relevanti li jwettqu s-superviżjoni diretta ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u s-superviżjoni indiretta ta' entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni.

Artikolu 9

Ammont li għandu jiġi impost

1. L-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali li għandhom jiġu imposti mill-BĊE għandu jkun is-somma ta':
 - (a) il-kosti annwali stmati għall-perijodu tariffarju kurrenti bbażati fuq il-baġit approvat għall-perijodu tariffarju;
 - (b) kull eċċess jew defiċit mill-perijodu tariffarju preċedenti ddeterminat billi jitnaqqsu l-kosti annwali attwali mġarrbin fir-rigward tal-perijodu tariffarju preċedenti mill-kosti annwali stmati li huma imposti fil-perijodu tariffarju preċedenti.
2. Għal kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni, il-BĊE għandu jiddeċiedi l-ammont totali li għandu jiġi impost permezz tat-tariffi superviżorji annwali, li għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tiegħu sat-30 ta' April tal-perijodu tariffarju rilevanti.

Artikolu 10

Tariffa superviżorja annwali li titħallas fir-rigward ta' entitajiet taħt superviżjoni jew gruppi taħt superviżjoni

1. It-tariffa superviżorja annwali li titħallas fir-rigward ta' kull entità sinifikanti taħt superviżjoni jew grupp sinifikanti taħt superviżjoni għandha tiġi ddeterminata bl-allokazzjoni tal-ammont li għandu jiġi impost fuq il-kategorija ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni lill-entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni individwali u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni fuq il-bażi tal-fatturi tariffarji tagħhom.
2. It-tariffa superviżorja annwali li titħallas fir-rigward ta' kull entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni u grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni għandha tiġi ddeterminata bl-allokazzjoni tal-entitajiet inqas sinifikanti individwali taħt superviżjoni u l-gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni fuq il-bażi tal-fatturi tariffarji tagħhom.
3. Il-fatturi tariffarji fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni ġewwa l-Istati Membri parteċipanti għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi li ġejja.
 - (a) Il-fatturi tariffarji użati għad-determinazzjoni tat-tariffa superviżorja annwali li titħallas fir-rigward ta' kull entità taħt superviżjoni jew grupp taħt superviżjoni għandhom ikunu l-ammont fid-data ta' referenza ta':
 - (i) assi totali;
 - (ii) espożizzjoni totali għar-riskju. F'każ ta' fergħa li tħallas tariffa, l-espożizzjoni totali tar-riskju titqies bħala żero.
 - (b) Id-dejta dwar il-fatturi tariffarji għandha tkun iddeterminata u miġbura skont deċiżjoni tal-BĊE li stipula l-metodoloġija u l-proċeduri applikabbli. Din id-deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fuq il-websajt tal-BĊE.
 - (c) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-fatturi tariffarji, gruppi taħt superviżjoni għandhom — bħala regola — jeskludu l-assi ta' sussidjarji li jinsabu fi Stati Membri mhux parteċipanti u pajjiżi terzi. Gruppi taħt superviżjoni jistgħu jiddeċiedu li ma jeskludux dawn l-assi għad-determinazzjoni tal-fatturi tariffarji.
 - (d) Għal entitajiet taħt superviżjoni jew gruppi taħt superviżjoni kklassifikati bħala anqas sinifikanti fuq il-bażi tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-fattur tariffarju tal-assi totali ma għandux jeċċedi EUR 30 biljun.
 - (e) Il-ponderazzjoni relattiva użata fir-rigward tal-fatturi tariffarji għandha tkun:
 - (i) assi totali: 50 %;
 - (ii) espożizzjoni totali għar-riskju: 50 %.
4. Id-debituri tariffarji għandhom jipprovdu l-fatturi tariffarji bil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel bħala d-data ta' referenza u jissottomettu d-dejta meħtieġa lill-NCA kkonċernata għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali mill-BĊE sal-ħin tal-għeluq tan-negożju fl-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara d-data ta' referenza msemmija jew fil-jum tan-negożju li jmiss jekk l-1 ta' Lulju ma jkunx jum ta' negożju. Fejn l-entitajiet taħt superviżjoni jħejju l-kontijiet annwali tagħhom abbażi ta' tmiem tas-sena tal-kontabilità li tvarja mis-sena kalendarja, id-debituri tariffarji jistgħu jipprovdu fatturi tariffarji bit-tmiem tas-sena tal-kontabilità bħala d-data ta' referenza. L-NCAs għandhom jissottomettu din id-dejta kollha lill-BĊE skont proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-BĊE. Is-somma tal-assi totali tad-debituri tariffarji kollha u s-somma tal-iskopertura tar-riskju totali tad-debituri tariffarji kollha għandhom ikunu ppubblikati fuq il-websajt tal-BĊE.

5. F'każ li debitur tariffarju jonqos milli jipprovi l-fatturi tariffarji, il-BĊE għandu jiddetermina l-fatturi tariffarji skont il-metodoloġija stipulata fid-deċiżjoni tal-BĊE. In-nuqqas tal-għoti tal-fatturi tariffarji kif stipulat fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandu jkun ikkunsidrat bħala ksur ta' dan ir-Regolament.
6. Il-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali li għandha titħallas minn kull debitur tariffarju għandu jsir kif spjegat hawn isfel.
 - (a) It-tariffa superviżorja annwali hija s-somma tal-komponent tat-tariffa minima u l-komponent tat-tariffa varjabbli.
 - (b) Il-komponent tat-tariffa minima huwa kkalkolat bħala perċentwali fissa tal-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali għal kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni, kif iddeterminat skont l-Artikoli 8 u 9. Għall-kategorija ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni, il-perċentwali fiss huwa ta' 10 %. Dan l-ammont jinqasam b'mod ugwali fost id-debituri tariffarji kollha. Għal entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni b'assi totali ta' EUR 10 biljun jew inqas, il-komponent tat-tariffa minima jinżel bin-nofs. Għall-kategorija ta' entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni, il-perċentwali fiss huwa ta' 10 %. Dan l-ammont jinqasam b'mod indaqs fost id-debituri tariffarji kollha. Il-komponent tat-tariffa minima jirrappreżenta l-limitu iktar baxx tat-tariffa superviżorja annwali għal kull debitur tariffarju.
 - (c) Il-komponent tat-tariffa varjabbli huwa d-differenza bejn l-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali għal kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni, kif iddeterminat skont l-Artikoli 8 u 9 u l-komponent tat-tariffa minima għall-istess kategorija. Il-komponent tat-tariffa varjabbli huwa allokat lil debituri tariffarji individwali f'kull kategorija skont is-sehem ta' kull debitur tariffarju fit-total tal-fatturi tariffarji pponderati tad-debituri tariffarji kif iddeterminat bis-saħħa tal-paragrafu 3.

Fuq il-bażi tal-kalkolu mwettaq skont il-paragrafi preċedenti u tal-fatturi tat-tariffi pprovduti skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-BĊE għandu jiddeċiedi dwar it-tariffa superviżorja annwali li għandha titħallas minn kull debitur tariffarju. It-tariffa superviżorja annwali li għandha titħallas għandha tiġi kkomunikata lid-debitur tariffarju permezz tal-avviż tariffarju.

PARTI IV

KOOPERAZZJONI MAL-NCAs

Artikolu 11

Kooperazzjoni mal-NCAs

1. Il-BĊE għandu jikkomunika mal-NCAs qabel ma jiġi deċiż il-livell tat-tariffa finali biex jiġi żgurat li s-superviżjoni tibqa' effettiva meta mqabbla mal-kost u raġonevoli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha u l-friegħi kkonċernati. Għal dan l-iskop, il-BĊE għandu jiżviluppa u jimplementa mezz ta' komunikazzjoni xieraq f'kooperazzjoni mal-NCAs.
2. L-NCAs għandhom jassistu lill-BĊE fl-impożizzjoni ta' tariffi jekk il-BĊE jitlob hekk.
3. Fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stat Membru parteċipanti li mhux taż-żona tal-euro li l-kooperazzjoni mill-qrib tagħhom mal-BĊE la hija sospiża u lanqas mitmuma, il-BĊE għandu joħroġ struzzjonijiet lill-NCA ta' dak l-Istat Membru dwar il-ġbir ta' fatturi tariffarji u l-ħruġ ta' fatturi tat-tariffa superviżorja annwali.

PARTI V

ĦRUĠ TA' FATTURI

Artikolu 12

Avviż tariffarju

1. Avviż tariffarju għandu jinħareġ kull sena mill-BĊE għal kull debitur tariffarju.
2. L-avviż tariffarju għandu jispeċifika l-mezzi li bihom għandha titħallas it-tariffa superviżorja annwali. Id-debitur tariffarju għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-avviż tariffarju fir-rigward tal-ħlas tat-tariffa superviżorja annwali.
3. L-ammont dovut skont l-avviż tariffarju għandu jitħallas mid-debitur tariffarju fi żmien 35 jum mid-data tal-ħruġ tal-avviż tariffarju.

*Artikolu 13***Notifika tal-avviż tariffarju**

1. Id-debitur tariffarju huwa responsabbli biex iżomm aġġornati d-dettalji ta' kuntatt għas-sottomissjoni tal-avviż tariffarju u għandu jikkomunika lill-BĊE kwalunkwe bidla fid-dettalji ta' kuntatt (jiġifieri l-isem, il-funzjoni, l-unità organizzattiva, l-indirizz u l-indirizz elettroniku, in-numru tat-telefon, in-numru tal-fax). Id-debitur tariffarju għandu jikkomunika kwalunkwe bidla fid-dettalji ta' kuntatt lill-BĊE sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull perijodu tariffarju. Dawn id-dettalji ta' kuntatt għandhom jirreferu għal persuna fiżika jew preferibbilment għal funzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni li tkun debitorji tariffarja.

2. Il-BĊE għandu jinnotifika l-avviż tariffarju b'xi mezz minn dawn: (a) elettronikament jew b'mezzi ta' komunikazzjoni paragonabbli oħrajn, b) bil-fax, (c) bis-servizz ta' *express courier*, (d) bil-posta reġistrata b'forma ta' rikonoxximent, (e) b'notifika jew konsenja bl-id. L-avviż tariffarju huwa validu mingħajr firma.

*Article 14***Imgħax fil-każ li ma jsirx ħlas**

Mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor disponibbli għall-BĊE, fil-każ ta' ħlas parzjali, nuqqas ta' ħlas jew nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-ħlas speċifikati fl-avviż tariffarju, l-imgħax għandu jakkumula fuq bażi ta' kuljum fuq l-ammont pendenti tat-tariffa superviżorja annwali b'rata ta' imgħax tar-rata ta' rfinanzjament ewlenija tal-BĊE miżjuda bi 8 punti perċentwali mid-data meta kien dovut il-ħlas.

PARTI VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*Artikolu 15***Sanzjonijiet**

Fil-każ li jkun hemm ksur ta' dan ir-Regolament, il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet fuq entitajiet taħt superviżjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 ⁽¹⁾, ikkumplementat bir-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17)

*Artikolu 16***Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. L-avviż tariffarju għall-ewwel perijodu tariffarju għandu jinħareġ flimkien mal-avviż tariffarju għall-perijodu tariffarju tal-2015.

2. Sabiex il-BĊE jkun jista' jibda jimponi t-tariffa superviżorja annwali, kull grupp ta' entitajiet li jħallsu tariffa għandu jinnomina d-debitur tariffarju għall-grupp u għandu jinnotifika l-identità tad-debitur tariffarju lill-BĊE sal-31 ta' Diċembru 2014, skont l-Artikolu 4(2).

3. Id-debitur tariffarju għandu jissottometti d-dejta msemmija fl-Artikolu 13(1) għall-ewwel darba sal-1 ta' Marzu 2015.

*Artikolu 17***Rapport u rieżami**

1. Skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE għandu jissottometti rapport fuq l-evoluzzjoni prevista tal-istruttura u l-ammont tat-tariffi superviżorji annwali kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Grupp tal-Euro.

2. Il-BĊE għandu jagħmel rieżami ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari, fir-rigward tal-metodoloġija u l-kriterji għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali li għandhom jiġu imposti fuq kull entità u grupp superviżorju sal-2017.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998, dwar il-poter tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol.3, p. 19-22).

*Artikolu 18***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI
